**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Mercieca]**

**vs**

**Claire Pulis**

**Kumpilazzjoni Numru: 442/**

**Illum, 5 ta' Dicembru, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Claire Pulis detentrici tal-karta tal-identita` numru 118286M.

Akkuzata talli ghad li ma kienetx wahda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (c) tal-Artiklu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'xi mod li jkun, xjentement, ghenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi ta' zewg delitti ta' serq fl-atti li bihom is-segwenti serqiet gew ippreparati jew ikkunsmati:

**1.** nhar il-25 ta' Mejju, 2016, ghall-habta tat-3.45p.m., fi Triq il-Gdida, Qormi, saret komplici f'serq ta' gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Mary Galea, ta' 66 sena, liema serqa hija aggravata bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), u li saret ghad-dannu ta' l-istess Mary Galea u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita'/entitajiet ohra.

**2.** nhar is-27 ta' Mejju, 2016, ghall-habta ta' nofsinhar, fi Triq il-Kurat Calleja, Mosta, saret komplici f'serq ta' gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Giovanna Busuttil, ta' 82 sena, liema serqa hija aggravata

bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), u li saret ghad-dannu ta' l-istess Giovanna Busuttil u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita'/entitajiet ohra.

Rat id-dokumenti; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 42(d), 261, 267 u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputata ghall-akkuzi kif dedotti kontriha u l-konferma ta' tali ammissjoni mill-istess wara li nghatat iz-zmien opportun sabiex tkun tista' tirregola ruhha, u stante illi jidher illi l-imputata qed tipprova tirriforma ruhha permezz ta' programm residenzjali qed issib lill-imputata Claire Pulis hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tikkundannaha ghal ghaxar (10) xhur prigunerija li qed jigu sospizi ghal sentejn.

Finlament, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**